*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 12,583, 3 ta' Settembru, 1971*
*Taqsima C*

# Nru. 10

3. 9. 71

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Nutar Dott. J. Abela, LL.D., M.P., Ministru tal-Finanzi u Dwana, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-30 ta' Awissu, 1971.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1964 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.**

C. MIFSUD
*A/Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Not. Dr J. Abela, LL.D., M.P., Minister of Finance and Customs and read the First time at the Sitting of the 30th August, 1971.

**AN ACT further to amend the Import Duties Act, 1964.**

C. MIFSUD
*A/Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1964 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni*

IL-MAESTA' Tagħha r-Reġina, bil-parir u kunsens tal-Kamra tad-Deputati ta' Malta, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1971 li jemenda l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1964 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"10. Meta xi fattura ta' oġġetti mixtrija f'pajjiż stranġier turi l-valur ta' dawk l-oġġetti f'munita stranġiera, dak il-valur jiġi stabbilit mill-Kontrullur tad-Dwana bir-rata korrenti ta' kambju tal-munita Maltija għal dik il-munita stranġiera li jistabbilixxi kull sebat ijiem l-*Accountant General*, jew kull meta jidhirlu li hekk jagħmel fi żmien aqsar, u l-importatur għandu jħallas id-dazju, meta d-dazju jitħallas *ad valorem*, fuq l-ammont kalkolat f'munita ta' Malta kif intqal qabel."

---

## Għanijiet u Raġunijiet

Dan l-Abbozz jipprovdi għall-kalkolu tal-valur ta' oġġetti importati f'munita Maltija, meta dak il-valur ikun muri f'munita stranġiera, sabiex id-dazju tad-dwana li għandu jitħallas dwar dawk l-oġġetti jkun jista' jiġi stabbilit.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Import Duties Act, 1964*

BE IT ENACTED by Her Majesty the Queen, by and with the advice and consent of the House of Representatives of Malta, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: —

1. This Act may be cited as the Import Duties (Amendment) (No. 2) Act, 1971, and shall be read and construed as one with the Import Duties Act, 1964, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title.

2. For section 10 of the principal Act there shall be substituted the following: — Substitution of section 10 of the principal Act.

"10. Where any invoice for goods purchased in a foreign country expresses the value of such goods in foreign currency, such value shall be assessed by the Comptroller of Customs at the current rate of exchange for Maltese currency of such foreign currency which shall be fixed by the Accountant General every seven days, or on any occasion on which he deems it so proper within a shorter period, and the importer shall pay duty, when duty is payable *ad valorem,* on the amount calculated in Maltese currency as aforesaid."

## Objects and Reasons

This Bill provides for the assessment of the value of imported goods in Maltese currency, when such value is expressed in foreign currency, in order that customs duty leviable in respect of such goods may be established.

Stampat fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni [Prezz 2d.
*Printed at the Department of Information* [*Price 2d.*